# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.6

**Kap 5:** ***Twieled Għalina***

**Lezzjoni** ***5.6: L-istorja tal-Milied***

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jitgħallmu l-istorja tal-Milied f'sekwenza.
2. Jieħdu pjaċir jirreċtaw u jsiru jafu aħjar il-personaġġi ta' din l-istorja.
3. Jagħrfu li Ġesù twieled għalina biex aħna mmorru l-ġenna.
4. Jaqsmu l-ferħ li jġib miegħu l-Milied ma' ta' madwarhom permezz t'għanjiet u reċti tal-Milied.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

1. Preżentazzjoni għall-IWB Minn **Nazaret sa Betlem (track).**
2. Track fuq Workbook biex jilagħbu l-logħba.
3. Worksheet bit-*template* tal-pupazzi tal-karattri tan-nativitá.
4. Links mill-Youtube (kollha meħuda mill-kartuns A King is born)
5. Karta ta' Taħriġ 5.5.



**Naqsmu flimkien -**

*L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu*



1. Fakkar lit-tfal x'inkunu qed niċċelebraw fil-Milied. Bħala għajnuna tista' terġa' turihom l-istampa ta' kejk fuq l-IWB u fuqha erġa' waħħal il-flashcard **Ġesù.**
2. Inkantaw Ferħ u Awguri għaliex hu l-birthday ta' Ġesù. Tista' tuża l-link tal-Kunsill tal-Malti http://www.youtube.com/watch?v=yzn3POh5Q2s
3. Għid lit-tfal li llum ser insiru nafu l-istorja tat-twelid ta' Ġesù.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**

1. Irrakkonta l-istorja tat-twelid ta' Ġesù permezz tal-IWB . Il-punti importanti li jridu joħorġu mill-istorja huma:
   - Il-vjaġġ twil min-Nazaret sa Betlem li riedu jagħmlu Marija u Ġużeppi.
   - Ġużeppi u Marija ma setgħux isibu post ġo lukanda fejn joqogħdu meta waslu Betlem.
   - Kien hemm Lukandier ta' qalbu tajba li tħassar lil Marija u sellifhom l-istalla fejn kien iżomm il-baqra biex jorqdu hemm.
   - Ġesu' twieled ġo dik l-istalla.
   - Xi rgħajja li kienu fil-qrib tal-istalla, dehrilhom anġlu u qalilhom: "Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir ."



2. Uri lit-tfal kif jilagħbu l-logħba fuq it-track **Minn Nazaret sa Betlem** fuq l-IWB permezz tal-preżentazzjoni **Nazaret sa Betlem (track).** It-tfal jitfgħu dada u jmexxu lil Ġużeppi u Marija skont in-numru tad-dada. Huma u jmexxu lil Ġużeppi u lil Marija fuq it-track, fakkar lit-tfal fis-sekwenza tal-istorja bl-għajnuna tal-istampi mat-track.
3. It-tfal jistgħu jilagħbuha f'pari jew fi gruppi żgħar (mhux aktar minn erbgħa għaliex inkella t-tfal idumu ma jmisshom imexxu l-pedina tagħhom u jitilfu l-interess). Dejjem poġġi lil xi ħadd li jista' jmexxi l-logħba u li jaf ir-regoli sew f'kull grupp.
4. Agħlaq il-lezzjoni billi tistieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.5 u jpinġu l-persunaġġi mogħtija.




**Nikbru flimkien (Il-punti ewlenin tal-lezzjoni)**

1. Il-Milied ifakkarna fit-twelid ta' Ġesù.
2. Ġużeppi u Marija marru minn Nazaret sa Betlem.
3. Ma setgħux isibu post Betlem fil-lukanda għax kienet mimlija u kellhom isibu post f'għar.
4. Ġesù twieled fl-għar.
5. Ommu Marija poġġietu ġo maxtura.




**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

Ħbieb tajbin igawdu l-ewwel bħalma ġralhom ir-rgħajja. Ikunu ħbieb tassew biex igawdu flimkien.

**Niċċelebraw flimkien**



Drammatizzazjoni

1. It-tfal jirreċtaw l-istorja tat-twelid tal-Bambin permezz ta' stick puppets.
    - Ħejju l-pupazzi fuq qasab tal-bambu' hekk kif hu spjegat fuq il-manwal.
    - It-tfal jirreċtaw l-istorja.

**Nitolbu**



*O Ġesu' Bambin, grazzi li twelidt għalina,*

*għaliex inti biss tista' turina kif inkunu*

*bravi biex immorru l-ġenna.*